MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Numru 545/2014

**SPETTUR CAROL FABRI**

**VS**

**JEAN PAUL BUGEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jean Paul Bugeja ta’ 24 sena, bin Richard u Judith nee’ Cassar, mwieled Pieta’ fil- 15 ta’ Ottubru 1989, residenti 29, Tony, Flat 2, Triq Joe Sciberras, Hamrun u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 481589M;

Talli fil- 15 ta’ Settembru 2013 fl- 16.00hrs gewwa Triq Santa Katerina, Marsaxlokk;

1) Talli saq vettura b’ numru ta’ registrazzjoni AAL 225 b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni tieghu, jwe b’ nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti, haba ma’ mutur bin- numru tar- registrazzjoni BBZ 456 tat- tip HD2 SYM u involontarjament ikagunalu hsara ghad- detriment ta’ John Caruana minn Marsaxlokk;
2) Aktar talli fl- istess data, hin, post u cirkostanzi, b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ John Caruana minn Marsaxlokk hekk kif iccertifikat minn Dr S Leuschner (Reg Med 5443) mill- Isptar Mater Dei;
3) Aktar talli fl- istess data, hin, post u cirkostanzi hareg minn fuq sinjal li jindika Stop Sign bl- imsemmija vettura f’ dik il- lokalita’;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq San Guzepp, M'Xlokk, meta gie f'salib it-toroq biex johrog minn din it-triq ghal go Troq Santa Katerina, li hija triq principali. Hekk kif hareg ghal din it-triq, habat fih il-mutur misjuq minn John Caruana, bil-konsegwenza li Caruana sofra griehi gravi. Ghalhekk ittiehdu dawn il-proceduri.

Mill-provi rrisulta li l-imputat kien hareg minn triq sekondarja ghal go triq principali, u hekk kif hareg, sehh l-impatt bejn il-vettura misjuqa minnu u l-mutur misjuq minn Caruana. Mid-dinamika tal-incident, ma jidherx li l-mutur kien qed jinstaq b'velocita', tant hu hekk li l-impatt mal-vettura tal-imputat kien wiehed minimu, u l-griehi gew sofferti minnu aktar ghax tilef il-bilanc minn fuq il-mutur, u b'hekk waqa' fit-triq. Li kieku Caruana kien ghaddej b'velocita', l-impatt kien ikun aktar konsiderevoli, jew kien ikun hemm sinjal ta' 'brake mark' fit-triq, haga li ma kienx hemm. Ghalhekk il-Qorti tista' tippresumi li l-velocita' li kien ghaddej biha kienet wahda accettabbli ghal triq principali.

L-istess jista’ jinghad ghall-velocita tal-vettura misjuqa mill-imputat. Il-vettura tieghu waqfet ftit metri biss mill-‘ispot of impact’ f’nofs is-salib it-toroq, u jidher car li l-vettura tal-imputat kienet kwazi qasmet it-triq kollha meta sehh l-incident, peress illi mir-ritratti esebiti d-daqqa minima fil-vettura tal-imputat qieghdha fuq il-genb in-naha ta’ wara tal-istess vettura. Dan jidher car mir-ritratti esebiti fl-atti. L-imputat ighid li hu waqaf fuq is-sinjal tal-‘istop’, u meta ma ra xejn gej fid-direzzjoni tieghu, hareg.

Jibqa’ l-fatt, izda, li Caruana kellu d-dritta, u Bugeja kellu jesercita ‘a proper lookout’ qabel ma jaghmel manuvra li johrog minn triq sekondarja ghal triq principali. Il-Qorti hi tal-fehma li dan il-‘proper lookout’ ma nzammx minn Bugeja, ghax zgur kien jara l-mutur gej fid-direzzjoni tieghu min-naha tal-lemin tieghu. Biex hu hareg minn triq sekondarja u l-mutur habat fih kwazi b’mod istantanju jfisser li Bugeja ma rahx gej. L-anqas jista’ jinghad li Caruana kien ghadu ‘l boghod u kien gej b’velocita’ qawwija, ghax li kieku kien hekk, l-impatt zgur kien ikun wiehed konsiderevoli. Ghalhekk, mill-assjem tal-provi, il-Qorti hi konvinta li l-incident sehh tort unikament tal-imputat. Ma kien hemm ebda negligenza kontributorja minn Caruana ghall-incident. Kulhadd jaf li huwa ferm difficli li mutur jieqaf f’daqqa meta tahsad il-‘brake’ tieghu, u huwa kwazi impossibbli li f’distanza qasira ddawwar id-direzzjoni biex tipprova tevita impatt. Caruana sab ruhu rinfaccat b’emergenza subitanja li inholqot minghajr tort tieghu, izda tort unikament tal-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 328 tal-Kap 9, u r-Regolament 82 tal-LS 65.11, MVR:

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta’ elf ewro (€1,000).

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------